

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni****(Każ COMP/M.6212 – LVMH/Bulgari)****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2011/C 162/06)

1. Fl-24 ta' Mejju 2011, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup> li permezz tagħha l-impriża LVMH Moët Hennessy – Louis Vuitton Group ("LVMH", Franza), ikkontrollata minn Groupe Arnault SAS (Franza), takkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll sħiħ tal-impriża Bulgari SpA ("Bulgari", Italja) permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— LVMH: il-produzzjoni u l-bejgħ ta' oġġetti ta' lussu (inbejjed u spirti; prodotti tal-moda u tal-ġilda, inkluż aċċessorji; fwejjaħ u kosmetiċi; arloġġi u ġoiellerija; bejgħ bl-imnut selettiv kif ukoll l-industrija tal-ġottijiet lussużi). LVMH hija kkontrollata minn Groupe Arnault, li jikkontrolla wkoll Christian Dior Couture,

— Bulgari: id-disinn u d-distribuzzjoni ta' ġoielli u arloġġi, fwejjaħ u kosmetiċi, oġġetti u aċċessorji tal-ġilda, kif ukoll fil-qasam tal-lukandi lussużi.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6212 – LVMH/Bulgari, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea  
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni  
Reġistru tal-Amalgamazżjonijiet  
J-70  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---

(1) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").